32005D0844

30.11.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 314/21

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta' Novembru 2005

## rigward l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika mal-Konvenzjoni dwar Notifikazzjoni Bikrija ta' Inċident Nukleari

(2005/844/Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2005 li tapprova l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar Notifikazzjoni Bikrija ta' Inċident Nukleari,

Billi:

(1) Erbgħa u għoxrin Stat Membru huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni dwar Notifikazzjoni Bikrija ta' Inċident Nukleari.

(2) Il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għandha tissieħeb fil-Konvenzjoni dwar l-Assistenza f'każ ta' Inċident Nukleari u Emerġenza Radjoloġika.

IDDEĊIDIET SKONT KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-adeżjoni mal-Konvenzjoni dwar Notifikazzjoni Bikrija ta' Inċident Nukleari qed tiġi approvata bil-preżenti f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

It-test tal-Konvenzjoni dwar Notifikazzjoni Bikrija ta' Inċident Nukleari u d-dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12(5)(c) ta' dik il-Konvenzjoni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

L-istrument tal-adeżjoni għandu jiġi ddepożitat għand id-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Atomika, id-depożitarju tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza

f'każ ta' Inċident Nukelari jew Emerġenza Radjoloġija, kemm jista' jkun malajr wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-forma ta' ittra ffirmata mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali fi Vjenna.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
*Andris PIEBALGS*
*Membru tal-Kummissjoni*